# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 496/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Paul Sultana u Martu Dolores Sultana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u wiehed u damsin lira Maltin (Lm951.00) rapprezentanti import ta' tlettax (13) kambjali, wahda ta' Lm15 (bilanc) u l-

ohrajn ta’ Lm78 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju, 2000, sa’ Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa’ 13 konsekuttivament u inkluzivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-24 ta’ Mejju, 2001, jammontaw ghal Lm45, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta’ tmien mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm834) bl-imghax mis-6 ta’ Settembru, 2001 u l-ispejjez tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-10 ta’ Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta ghall-ammont ta' tmien mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm834) bl-imghax mis-6 ta' Settembru, 2001 u l-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuti.